MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 211/2012

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C- 2833)

Vs

Fathi **AFIFI** u Tarek Badawii

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-28 ta’ Frar, 2012, li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tal-1 ta' Novembru, 2007, fl-atti tan-Nutar Clarissa Cuschieri ( u hawn esebiti bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussimvament, billi l-imħarrkin (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanżi tal-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi; u

(ii) Tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u "in solidum" jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u tmienja u tletin elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u sittin ċenteżmi (€138,768.60) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' l-imsemmija mħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "E1 sa E119", "F1 sa F3", "G1 sa G3") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-6 ta' Diċembru, 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat bil-proċedura skond l-art 187(3) tal-Kap 12, li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti li bil-ġurament tagħha waqt is-smigħ tal-lum qalet li ma tħallas l-ebda ammont mis-somma mitluba, minn dak inhar li nfetħet il-kawża sallum;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt nutarili tal-1 ta' Novembru, 2007 fl-atti tan-Nutar billi l-imħarrkin naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanżi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u tmienja u tletin elf, seba' mija u tmienja u sittin euro u sittin ċenteżmi (€138,768.60) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mis-6 ta' Diċembru, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------